Hawn min jgħid li, minbarra l-lingwa, l-Għarab kienu daħħlu f'pajjiżna t-tqassim tar-raba' f'taraġ immewweġ ta' għelieqi mdawrin b'ħitan tas-sejjieħ kif ukoll l-użu tas-sienja għat-tisqija tal-uċuħ. Jingħad ukoll li kienu huma l-ewwel li ħawlu f'Malta s-siġar taċ-ċitru. Iżda dan kollu mhux la kemm wieħed jasal biex jipprovah. Lanqas wieħed jista' jkun fiż-żgur jekk il-bixra arkitettonika ta' l-irziezet Maltin, bi kmamar ċatti mibnijin dawra mejt ma' bitħa żgħira, u dik ta' l-irħula, bit-toroq dojoq u sqaqien li jserrpu u jidħlu ġo xulxin bla ma jsegwu pjan fiss, humiex ukoll influwenza ta' l-Għarab. Kull ma nistgħu ngħidu hu biss li għad fadal fostna tliet elementi mhux komuni, jiġifieri *l-isqifa* - passaġġ imsaqqaf li jieħu dritt għal ġo razzett, ir-*roundels* ġebliet kbar u tondi ngastati ġol-ħitan u mnaqqxin b'disinji dekorattivi, u l-*muxrabija* huma tipiċi tal-kultura Islamika.[1] F'din il-kitba se nagħti xi tagħrif fil-qosor dwar din ta' l-aħħar (bil-Għarbi *mushrabiya*), li għalkemm illum qajla għadna nisimgħu biha, kienet qiegħda f'ħalq il-poplu fi żminijiet oħra u kienet saħansitra msemmija minn Temi Zammit f'waħda mill-istejjer qosra tiegħu[2].

Il-*muxrabija* hi bħal paraventu jew skrin dekorattiv ta' l-injam li kien jinħadem bl-idejn jew bit-torn f'għamla ta' kannizzata u kien jgħatti l-fetħa ta' tieqa. B'hekk wieħed seta' jittawwal 'il barra minn ġot-tieqa bla ma jidher. Dan hu element interessanti tal-kultura tradizzjonali Islamika fejn is-soċjetà kienet minn dejjem iddominata mill-irġiel u fejn fl-imgħoddi n-nisa ma tantx kellhom kuntatti diretti mad-dinja ta' barra. Għalhekk fil-waqt li l-irġiel setgħu joħorġu 'l barra kull meta fettlilhom,

[1] Mhux magħruf jekk dawn kinux iddaħħlu dirett mill-Għarab ta' l-Afrika ta' Fuq, jew indirettament minn nies ta' Sqallija jew ta' Spanja. Għal iktar dettalji u ritratti ta' l-*isqifa* u r-*roundels* li għandna f'pajjiżna, ara M.Buhagiar u S.Fiorini, *Mdina:The Cathedral City of Malta,* Central Bank of Malta, 1996, vol.i, pp.55-60, 61, 64 u 66; u C.J.Jaccarini, *Ir-Razzett:The Maltese Farmhouse,* Malta, 1998, pp.80-82, 102, 107-108.

[2] Din jisimha 'Lejla Bint Ħassan', u ġiet mitbugħa f'*Nies Bla Sabar u Stejjer Oħra*, miġburin minn Toni Cortis, Merlin Library Ltd., 1987, p.62-65.

in-nisa kienu jibqgħu misturin f'darhom u setgħu biss jaraw x'kien qed jiġri madwarhom billi jittawlu minn wara l-muxrabija.

Għalkemm l-użu tal-muxrabija issa ilu sew li nqata' minn pajjiżna, dan l-oġġett xorta għadu jqajjem interess fost l-istudjużi ta' l-etnografija, ta' l-antropoloġija u ta' l-arkitettura għaliex jixħet dawl partikulari fuq id-drawwiet ta' l-imgħoddi u l-ħajja domestika ta' missirijietna. Jingħad li l-iktar muxrabiji antiki fid-dinja li nafu bihom s'issa huma dawk tas-seklu IX.

Aquilina jiddefinixxi l-muxrabija bħala "a *roofed balcony or projecting oriel window*"[3], imma fil-fehma tiegħi din id-definizzjoni hi xi ftit xotta u ma tkoprix il-bosta forom ta' muxrabija li għadhom jeżistu fil-gżejjer Maltin. Ta' min jinnota wkoll li hawn xi whud li minflok il-kelma *muxrabija* jużaw *muxrafija,* kelma li safejn naf jien ma tinstab fl-ebda dizzjunarju Malti.[4] Kultant għadna nisimgħu 'il xi xiħ raħli li jirreferi għaliha bħala *n-nemmiesa,* waqt li hemm oħrajn li jsibuha bħala *x-xerriefa.* Il-muxrabija qadima li hemm fir-Rabat, Għawdex, isejħulha *l-kixxiefa* jew inkella *l-kixxifija.*[5] Fl-aħħarnett hemm *il-glusija* jew *gelusija*[6], persjana f'apertura ta' tieqa li tinfetaħ 'il fuq minflok lejn il-ġenb, li tista' titqies ukoll bħala varjazzjoni tal-muxrabija.

Il-muxrabiji li għad fadal Malta nsibuhom l-iktar f'xi razzett jew xi f'dar qadima fejn jidħru maħruġin kemxejn 'il barra mit-tieqa ewlenija fl-ewwel sular li tħares għal fuq il-bieb ta' barra. L-iktar għamla komuni hi dik ta' kaxxa ċatta li fiha għadd ta' toqob żgħar fil-faċċata u toqba jew tnejn kemxejn ikbar fil-ġnub u fin-naħa ta' taħt. Ximindaqqiet minflok it-toqob tal-faċċata' jidhru serje ta' xquq bħal dawk tal-persjani.

Minħabba fin-nuqqas ta' siġar f'pajjiżna, l-ewwel muxrabiji x'aktarx li kienu jsiru tal-ġebel iżda dawn ftit li xejn għad fadal minnhom u llum l-iżjed li nsibu huma dawk li huma maħdumin fl-injam.

---

[3] J.Aquilina, *Maltese-English Dictionary*, 1990, vol.ii, p.874.

[4] Il-Prof. Aquilina jagħti l-kelma *xiref* bħala "To look/lean out of a window generally to see what is going on outside", iżda n-nom ta' dal-verb huwa *mixref* jew *mixraf* (li jfisser *post fil-għoli* jew *belveder*). Aquilina, ii, 1990, 1574. Il-*Miklem Malti* ta' E. Serracino Inglott il-kelma *muxrabija* ma' jgibhiex.

[5] Ara A.F. Attard, *Mill-Ħajja ta' L-Imgħoddi: Tagħrif Folkloristiku minn Għawdex*, vol.i, Gozo, 1991, 84. Il-kelma *kixxifija* hija l-femminil ta' *kixxiefi.* Aquilina, 1987, vol.i, 657, taħt il-kelma *kixef.*

[6] Kelma li ġejja mill-Franciz, *jalousie.* Aquilina, vol i, 384

Fil-kantuniera tal-bejt ta' razzett ġieli naraw kamra żgħira fuq quddiem b'daqsxejn ta' rewwieħa li minnha wieħed kien jista' jgħarrex madwaru. Din tfakkarna fil-gardjola (*sentry box* jew *vedette*) li hemm fil-kantunieri ta' xi wħud mis-swar tagħna li minnhom kienet issir l-għassa għall-għadu. U la qed insemmu l-fortizzi, hawn ta' min jinnota li s-swar Islamiċi kellhom ukoll il-*mushrabiya* tagħhom, għalkemm din kienet ta' bixra u funzjoni differenti minn dik tal-bini domestiku. Teknikament din isibuha bħala *box machicoulis* jew *drop box* u kienet bħal gallerija żgħira tal-ġebel mingħajr qiegħ li tisporġi 'l barra mill-faċċata tal-bejt fuq il-bieb ewlieni tal-forti. Barra minn ħarsithom, mill-għoli tas-sur, l-għassiesa setgħu jitfgħu fuq l-għadu xita ta' misħun u qatran jaħraq.[7]

Waħda mill-aktar għamliet strambi fost il-ftit muxrabiji tal-ġebel hi dik li għad hemm mal-faċċata ta' dar qadima fi Triq il-Karmnu, ġol-Mandraġġ, il-kwartier Għarbi tar-Rabat, Għawdex (ara Ill. A). Din m'hix ħlief toqba mdaqqsa li tinfed il-ħajt ta' fuq is-soll tat-tieqa u tgħaddi 'l isfel fuq ix-xellug minn wara l-blata tal-ħarriġiet. Minn hawn tinżel f'għamla ta' gandott dejjaq li jibqa' jitwessa' bil-ftit il-ftit sa ma jispiċċa ċatt mal-ħajt qisu mrewħa magħluqa. Jingħad li din hi l-iktar muxrabija qadima li hawn f'pajjiżna u l-unika waħda ta' din l-għamla.

Forma oħra interessanti ta' muxrabija tal-ġebel għandha l-wiċċ imżerżaq 'il barra, għat-tond, qisha ħarrieġa rasha 'l isfel, b'għadd ta' toqob żgħar ġo fiha li minnhom wieħed seta' jnemmes 'il barra. (Ill. B). Oħrajn huma bħal kaxxa ċatta tal-ġebel ingastata fil-ħajt bil-faċċata tmil xi ftit 'il barra min-naħa t'isfel (Ill. C). Żewġ muxrabiji ta' dan it-tip għadna nistgħu narawhom mal-bini magħruf bħala Ta' Monita, Marsaskala (Ill. I).

Muxrabija maħduma fil-ġebel b'bixra dekorattiva m'hix tas-soltu hi dik li hemm fuq il-bejt ta' 84 Triq Santu Rokku, Birkirkara - id-dar li, kif jingħad, kien jgħammar fiha l-patrijott Ċensu Borg (Braret) fi żmien il-ħakma tal-Franċiżi (Ill. D).

---

[7] Għal din ir-raġuni l-Maltin kienu jsibu dawn it-torrijiet bil-*machicoulis* bħala "torrijiet tal-misħun". Ara S.C. Spiteri, *Fortresses of the Cross*, 1994, pp.474, 476, 645, 646. Wieħed jista' jara numru ġmielu ta' dawn id-*drop boxes* fit-Torri Gauci u fit-Torri tal-Kaptan li qegħdin qrib xulxin f' San Pawl tat-Tarġa, kif ukoll fit-Torri Kavallier fil-Qrendi. It-Torri ta' Gourgion fix-Xewkija, Għawdex, li kien inħatt fi żmien l-aħħar gwerra, kellu bosta mibnijin dawra mejt mal-ħitan.


A
Triq il-Karmnu
Rabat
Għawdex
B
Sqaq il-Qajjed
Siġġiewi
C
Triq mis-Siġġiewi
għar-Rabat
D
Triq S. Rokku
B'Kara
E
F
Ta' Għammar
G
Triq il-Knisja, Għarb
H
Triq Doni - Rabat,
Malta
I
Ta' Monita - M'Scala
J
Morocco
K
Syria
L
Syria

Fid-djar li ma kellhomx muxrabija kien ikun hemm xi rkejjen oħra minn fejn wieħed seta' jgħarrex 'il barra mingħajr ma ħadd jarah. Per eżempju, jekk niflu sew it-tieqa karatteristika li tagħti għal fuq il-bieb ta' barra ta' bosta rziezet (magħrufa bħala t-tieqa taż-żewġ ħarriġiet) għandna nindunaw li l-blata tas-soll mhux dejjem hija mħaxkna sew mal-faċċata tad-dar. Hekk kien jitħalla xaqq li minnu kienu jgħarrxu 'l isfel ħa jaraw min ikun ġie (Ill. E). Barra minn hekk, xi galleriji antiki, kemm dawk tal-ġebel kif ukoll ta' l-injam, kienu jservu sabiex wieħed seta' jħares 'il barra mingħajr ma jixref. Fost il-galleriji miftuħin tal-ġebel, jispikkaw dawk li huma mżejnin b'lavur mill-isbaħ u ddekorati b'toqob żgħar minquxin f'sensiela ta' rożetti, flieli tal-qamar jew bid-disinn tal-furdulis. Xi wħud insibulhom ringiela balavostri u kienu jintużaw għall-istess ħaġa. Hemm ukoll xi galleriji ta' l-injam b'numru ta' toqob żgħar taħt it-tieqa tal-ġenb jew xquq fil-panewwi, imma ħdejn il-galleriji bill-persjani jew bil-ħsajjar tal-qasab mat-twieqi dawn huma rari.

F'razzett antik ħdejn il-kappella ta' San Publju, f'Ta' Għammar, Għawdex, għad hemm muxrabija interessanti tal-ġebel li sa fejn naf jien m'hawnx oħra bħalha fil-gżejjer tagħna. Fuq il-blata tas-soll, tistrieħ immejla 'l ġewwa mal-ħajt ta' fuq it-tieqa, naraw ċangatura kbira, u fl-istess blata fetħa maqtugħa rettangolari b'tavla fuqha li wieħed kien iressaq biex seta' jħares 'l isfel minn ġo fiha (Ill.F).

Fil-kunvent tal-patrijiet kapuċċini tal-Furjana nsibu verżjoni oħra, din id-darba f'għamla ta' toqba mdaqqsa ġos-saqaf tal-portiku ewlieni. Din it-toqba kwadra jew *spy hole* qiegħda fil-għoli fejn ma tagħtix fil-għajn u tinfed għal ġol-kuritur ta' l-ewwel sular permezz ta' toqba oħra fl-art. Fiż-Żejtun fid-dar numru 92 Triq il-Kbira hemm *spy hole* oħra li tixbahha, għalkemm din qiegħda fil-baxx, livell mas-soll tat-tieqa, tħares lejn il-ġenb tal-bieb ta' barra.[8]

Il-muxrabija ta' l-injam hi wisq iktar komuni minn dik tal-ġebel u nistgħu narawha mxerrda 'l hawn u 'l hinn fl-irħula. Hemm minnha wkoll fl-Imdina u fix-xaqliba l-qadima tar-Rabat ta' Malta. L-iktar komuni hi f'għamla ta' kaxxa ċatta, b'numru ta' toqob żgħar fil-faċċata, fil-ġnub u fin-naħa t'isfel tagħha, li tgħatti l-fetħa

[8] Tagħrif mogħti lili minn Joseph Tanti, Żejtun, 1.5.2002.

tat-tieqa ta' fuq il-bieb ewlieni. (Ill. G). Fuq quddiem, minflok toqob, ġieli jkun hemm *screen* tal-*wiremesh*. Jeżistu wkoll xi kaxex b'żewġ purtelli tal-ħġieġ imtappan biex dak li jkun ma jagħtix fil-għajn (Ill. H). Oħrajn għandhom il-persjana mal-faċċata, bħal dik li nsibu ħdejn in-niċċa ta' San Tumas f'Wied il-Għajn.

Għalkemm il-bixra tal-muxrabija Maltija ta' l-injam hi waħda sempliċi u ma fihiex ix-xogħol elaborat bit-torn jew bl-arkett li naraw f'dawk li hemm bil-gzuz ġol-pajjiżi ta' l-Afrika ta' Fuq u f'tal-Lvant Nofsani (Ill. J, K, L), hi xorta waħda tixbahhom. L-istess nistgħu ngħidu għall-galleriji ta' l-injam li barra l-pajjiżi li għadna kif semmejna nsibuhom fil-parti t'isfel ta' Spanja li damet wisq aktar minna taħt il-ħakma ta' l-Islam.

F'dawn l-aħħar ħamsin sena ħallasna prezz qares għall-Iżvilupp ta' pajjiżna, u issa qisna ntbaħna li tul il-mixja tal-'progress' għamilna ħerba sħiħa mill-patrimonju Malti. B'ħasra kbira wieħed jinnota li bil-ftit il-ftit, flimkien ma' l-irziezet u d-djar qodma, qed inkomplu nnaqqru l-bosta fdalijiet żgħar, xempji ta' l-arkitettura vernakulari li fasslu missirijietna. Wisq agħar minn hekk, issa spiċċajna biex għarraqna wkoll il-maqdes ta' l-Imnajdra! Haġa tal-mistħija, il-lezzjoni aħna donna ma nitgħallmuha qatt!

Irridu nifhmu li minkejja ċ-ċokon u s-sempliċità tagħhom il-muxrabija u xi ntietef oħra - li ħdejn il-patrimonju grandjuż tan-Nies tal-Qedem, tal-Kavallieri u tal-Knisja jistgħu jidhru li m'għandhom l-ebda valur - huma parti mill-istorja etnika u folkloristika ta' pajjizna. Għaldaqstant, jeħtieġ li kull wieħed u waħda minna jaħdem bla heda, l-aktar fost it-tfal u ż-żgħażagħ, biex ikun hawn aktar apprezzament u għożża ta' dak kollu li ħallewlna missirijietna.

---

# POLYDACTYLISM IN FOLKLORE

**Angelo Dougall**

There have recently been some write-ups and comments in a local periodical about past incidence of polydactylism in Malta, and bout its depiction in art. However, this article is more about polydactylism in Maltese folklore, local beliefs, and cases I have come to know about.

Admittedly, polydactylismis a very rare phenomenon and sparsely written about. Whenever mentioned, it is in an undertone; practically treated as taboo. Surely this phenomenon has occurred from time to time in Malta, and persons having five fingers and a thumb on each hand, and six toes on each foot have been depicted in art and written about in medical journals, with relative scientific comments and observations.

Polydactylism has been known in Malta since Neolithic times. In Dr. Paul Cassar's authorative work "Medical History of Malta" (1964) p.5, it is stated that a statuette has been foundwith five fingers and a thumb. Some art critics have looked upon of polydactilism in art as the artist's mistake or whim; it is niether case. One little known depiction of polydactyly is a hardly noticable detail in the 18$^{th}$ century mural in the refectory of the Old Seminary in Floriana. Here too, critics have suggested that the eunuch with five fingers and a thumb could be an error by the artist. Surely it is not! Personally I must admit I was more interested in the old folkloristic and culinary details painted in the magnificent murals, and could hardly notice that peculiarity. This phenomenon is known to have occurred also in neighbouring Sicily where it is held in supersticious horror. I was once reading on Sicilian folklore and found that this abnormality is associated with misfortune, dread and bad luck. In Malta, somehow it is held in similar apprehension, although more philosophically considered to be a freak of nature (*skerz tan-natura*) in man. As to its portrayal in art, artists must have either heard or known about it at some time or another, or have personally encountered this unusual incidence.

**Polydactylism folklore in Malta** It is indeed a very rare peculiarity, and generally believed by many, to be a freak transmission of a genetical trait of that "antediluvian race of giants" mentioned in the book of Genesis in the Bible and the Apocrypha. It is believed to be a trait of the giants that inhabited the earth in bygone times. Once I heard my father talking about one such case found some years back in Bormla, and that the smaller extra fingers were surgically removed in infancy to make the person normal! In Cospicua the individual was nicknamed "*Il-Buswab*" and referred to as "*raġel buswab*".

**Other cases I know of.** My friend Capt. Joseph M. Wismayer, in his work "The Fleet of the Order of Saint John", mentions the case in the 18th century of the Algerian Bey of Algiers who had seven fingers on each hand and seven toes on each foot; he was appropriately named "*Buswaba*" by his Algerian friends!

Polydactylism is also met with in Saint John's co-Cathedral in Valletta. On the marble memorial slab on the tomb of Chev. Charles Glandeves (about the middle of the nave), the angel on the right is shown quite clearly with six toes on his right foot. His left foot and both his hands are obscured artificially. Here the artist who designed the memorial could indeed have some hidden message, and one could suspect that Chev. Glandeves could have been a polydactyl knight!

In the early 70s I saw a photograph in an American magazine, of a coloured boy about six years old, in the state of Mississippi, U.S.A., with strong African features, who had five fingers and a thumb on each hand and six toes on each foot. The photograph showed this polydactyl kid, playing happily, all smiles, on a home-made "go-cart", similar to equally home-made carts children played with in pre-war Malta. When I was living in Detroit - Michigan I was told, in a hush hush tone, by some Maltese immigrants, that they remembered a case of polydactylism, a boy born to Maltese parents; these persons could probably be still alive today.

As has already been mentioned, in local folklore polydactylism is treated with some apprehension. A young artist friend of mine once told me that he used to count his baby son's fingers every evening to make sure that he had ten; I suppose he was so

worried and apprehensive that his son could be a polydactyl! Very likely he must have heard of this oddity of nature!

While it seems that polydactylism is a very rare worldwide phenomenon it has been known in Malta since Neolithic times. It has also occurred in neighbouring Sicily, in North Africa and North America, but in Malta we have a folkloristic explanation for polydactylism.



*Drawing of left hand based on a photograph in an Italian periodical, April 2001.*

---

**Kitbiet għal "L-Imnara"**

Dawn iridu jkunu bażati fuq riċerka jew esperjenzi personali tal-kittieb, u jkollhom dejjem konnessjoni mal-folklor lokali. Kull kitba għandha tasal għand l-editur, Guido Lanfranco, 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema, SLM 02



UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

# Nicknames in Nineteenth Century Gozo

**C. Savona-Ventura**

The use of nicknames has been prevalent in Malta throughout the ages possibly dating as far back as the Arab Period. Broadly Maltese nicknames have been subdivided into a variety of forms [1]. The present study attempts to list the nicknames prevalent among the Gozo population in the late nineteenth century. The information was collected from the patient identification notes recorded in the Register of Admissions and Discharges for Lying-in Women at Victoria Hospital for the period 29th March 1876 to 30th April 1893 [2].

These registers record a total of 396 admissions to the maternity wards of the hospitals. These women have been shown to come from the lower socio-economic strata of the Gozitan population [3]. A total of 218 entries [55.1%] include the person's nickname together with the given forename and surname of the individual. There does not appear to be any nickname entry following the 25th March 1886, the inclusion of the nickname being apparently dependent on the whims of the admitting medical officer. During the period under review, a total of 202 individuals were identified by their nickname, but 16 cases were illegible while a number had multiple admissions thus reducing the total number of identified nicknames to 155. An alphabetical list of the identified nicknames follows, though a number marked with a ? are misspelt. All were preceded by the particle *ta'* (of).

**NOTES**

1. J. Cassar Pullicino. Social Aspects of Maltese Nicknames. *Studies in Maltese Folklore.* Malta University Press, 1992, p.123-140
2. *Register of Admissions and Discharges for Lying-in Women, Victoria Hospital, 29 March 1876 t 30 April 1892*, 2 vols. Vol II commenced on 29 March 1876 ending on 7 May 1884, +220p. (alternate pagination); Vol III commenced on 13 May 1884 ending on 30 April 1893, +198p. (alternate pagination). Manuscript in author's holding
3. C. Savona-Ventura. A Maternity Unit in Gozo a hundred years ago. *Maltese Medical Journal* 1995, VII(I):p.55-61; C. Savona-Ventura. Giving birth in 19th century Gozo 1876-1893. *Storja 2001*, p.52-66

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **A** | | **C** | | **D** | |
| 1/77 Achcer | (?acer) | 12/79 Cacu | | 06/80 Dobra | (?) |
| | | 12/76 Calcidonin | | | |
| **B** | | 20/77 Calura | | **E** | |
| 19/81 Baeva | | 18/82 Carna | (?) | 09/82 Eksea | |
| 22/85 Bajju | (?) | 02/77 Carnha | (?) | | (?) |
| 03/80 Balal | | 02/82 Cascuza | (?) | **F** | |
| 13/78 Besciesia | | 07/80 Causu | (?cawsu) | 05/79 Farfett | |
| 02/79 Bezzina | (?) | 20/78 Cheral | (?) | 12/83 Felici | |
| 18/76 Brieret | | 09/78 Chischito | (?) | 11/77 Ferhana | |
| 06/77 Brunu | | 04/84 Cinfa | (?) | 04/78 Flusu | |
| 03/81 Bugian | | 15/85 Cini | | 05/84 Faqqar | |
| | (?) | 30/81 Cormla | (?) | 04/85 Fortin | |
| | | 14/83 Criterna | (?) | 20/81 Fortuna | |
| | | 13/85 Cumbos | (?Cumbo) | 24/78 Futur | |
| | | 24/81 Cuschieri | | | |



*Continued on next page:-*

- *Continued from previous page*

**G.**
01/79 Gadura (?)
32/81 Gagu (?)
22/80 Gandu (?)
16/84 Geseran (?)
25/80 Giacchi (?Gjakk)
08/77 Giacob
15/83 Giaebri (?)
02/81 gakbin
04/77 Gahan
06/78 Giannicu (?)
11/82 Ginan (?)
22/76 Ghingher (?Ginger)
08/82 Giondu (?)
01/85 Girbi (?Girba)
19/77 Gisola (?)
20/76 Gurdien
15/77 Goga
08/85 Gombor (?)
02/83 Gora (?)
04/83 Gostura (?)
17/76 Gwan

**G**
26/80 Galetta
01/80 Gandlora
13/83 Gazzu

**H**
05/78 Hangun (?)
14/77 Harbux
14/82 Hili

**I**
20/84 L-inglis

**K**
09/79 Karrani
14/80 Channu (?Kanna)
11/76 Charie (?Kari)
07/79 Cheiet (?Kejjet)
14/78 Chis (?Kies)
12/87 Cloru (?Kloru)
03/79 Cola (?Kola)

**L**
15/79 Lafrena (?)
08/83 Lagari (?)
17/84 Lalg (?)
24/84 Lali (?Lalli)
20/80 Lazzru
11/83 Licu (?Lici)
22/84 Liximena (?)
03/83 Loranielli (?)

**M**
29/81 Maeduish (?)
13/82 Maeru (?Majru)
12/81 Marden
10/78 Martina
06/83 Masica (?)
19/78 Masieh (?)
01/78 Massi (?)
22/81 Mastos (?)
07/77Melliehi
08/81 Melha
09/84 Miru
25/81 Moncora (?)
16/80 Mosnia (?Mozna)
08/78 Munit (?Munita)

**N**
16/78 Naduria (?Nadur)
14/85 Nahli
16/76 Nanas (?)

**Gh**
09/77 Ghaghi (?0
27/83 Ghigha (?Ghaja)
0985 Ghistan (?)
15/84 Ghnella (?Ghonnella)

**P**
04/82 Partazan (?)
23/76 Patri *
02/80 Peixu *
26/78 Perin (?)
29/83 Perisci (?)
15/78 Pertina (?)
10/81 Petit
10/77 Pian
17/81 Pieileicu (?)
11/81 Pina (?Pinu)
12/78 Preicet (?Precett)

**R**
12/85 Riehlu
(?Rhielu)

**S**
26/83 Saghi (?)
04/80 Savier
07/83 Savina
07/81 Scaland (?)
22/87 Scandarett (?)
06/82 Scei (?)
28/81 Scela (?Skola)
27/80 Scifina (?)
11/84 Segruit (?Segwit)
23/80 Seudi (?Sewdi)
31/81 Signura
19/76 Sipitani (?)
09/80 Sneiter (?Snieter)
33/81 Suin (?Sjuna)

**T**
02/78 Torek (?Torok)
21/81 Tropper (?Troppu)
24/80 Tuna

**V**
22/78 Valentina
13/79 Vaness (?Vanessa)

**X**
07/84 Xuereb

**Z.**
15/76 Zabbetta
14/76 Zaru (?)
11/78 Zbuna (?)
03/77 Zebbieh
16/77 Ziri
03/78 Znaifa (?)
21/78 Zoru (?Zorru)
17/80 Zott (?)
23/78 Zunzan
09/81 Zuppet (?)
03/82 Sniet (?Znied)

# IL-WEGĦDI MAL-QADDISIN

**Arthur Grima**

Il-wegħdi dejjem kienu jsiru u wieħed jassoċjahom mar-reliġjon bħala mod ta' devozzjoni. Dejjem kien hawn nies devoti lejn xi qaddis, għalhekk meta xi ħadd jagħmel wegħda araħ imur jitlob lil dak il-qaddis li jkollu devozzjoni partikolari lejh.

Storja li seħħet tassew hija dik ta' Katarina u binha Feliċ. Din Katarina Schembri, xebba Galea mwielda ż-Żurrieq, kienet toqgħod Bengħajsa. Fl-1945 binha Feliċ ta' tliet snin bdew ituħ l-aċċessjonijiet. Din l-omm tistgħu taħsbu kif iġġennet b'dak li beda jiġri u ġriet mhux ftit għand it-tobba biex tipprova tfejqu. Bħala mara ta' fidi kbira, Katarin sabet ir-refuġju tagħha f'San Franġisk. Ma' dan il-qaddis għamlet wegħda għall-fejqan ta' binha Feliċ. Il-wegħda kienet li lil binha tlibbsu ċ-ċoqqa bħal ta' patri Franġiskan.

Din iċ-ċoqqa kienet ta' kulur kannella skur bil-kurdun mal-qadd. Katarin sabet biċċa drapp l-istess bħal tal-patrijiet, u ħetitħielu. Għal min forsi ma jafx, dan it-tip ta' drapp ixewwek mhux ħażin, u mur ara dak il-povru tifel ta' tliet snin x'kien iħoss. Din il-libsa dam jilbisha għal madwar sena u nofs; immaġinawh bil-libsa fis-sħana tas-sajf! Ħutu li kienu akbar minnu kienu jarawha stramba din il-biċċa li ħuhom kien dejjem liebes l-istess libsa.

Meta Katarina rat li binha kien fieq, neżżgħatlu din il-libsa minn fuqu u l-wegħda lil San Franġisk ġiet fi tmiemha. M'għandniex xi ngħidu li Katarin ferħet mhux ħażin bil-fejqan ta' binha, biss jien naħseb li aktar feraħ iċ-ċkejken Feliċ, għax fl-aħħar ħeles mix-xwiek li kien iħoss bil-libsa ta' San Franġisk!



Feliċ Schembri ma' ħutu liebes ta' San Franġisk fil-bitħa tar-razzett (ara pag. 28)



Is-siġġijiet tal-knisja (ara l-faċċata li jmiss)

# IS-SIĠĠIJIET TAL-KNISJA

**Guido Lanfranco**

Il-knejjes l-antiki li għadhom jeżistu mill-Medju Evu u minn ftit aktar tard kienu ċkejknin bħalma naraw f'diversi bliet u rħula u fil-kampanja. Dawn aħna kemm-il darba ngħidulhom kappelli, għalkemm aħjar jekk nirreferu għalihom bħala knejjes, għax kappelli, antikament, kienu dawk mibnijin imissu ma' knejjes oħra u saħansitra jitniffdu magħom, sakemm biż-żmien bdew jiffurmaw parti integrali mill-knejjes il-kbar f'għamla ta' kappelluni. Fl-imgħoddi dawn il-knejjes ċkejknin kellhom art imbattma u xejn siġġijiet, imma wħud kellhom bħal bank twil tal-ġebel taħt il-ħitan. Biż-żmien, meta bdew jinbnew il-knejjes kbar, bdew idaħħlu fihom siġġijiet ta' l-injam bil-qiegħan tagħhom mimlijin bin-nisġa tas-sogħda. Issa fil-knejjes insibu bankijiet twal u puliti li jitnaddfu malajr u jżommu l-ordni fil-firxa tan-nies li jmorru għall-funzjonijiet u waqt il-ħruġ u d-dħul għat-tqarbin. Iżda fis-snin sittin u sebgħin tas-seklu għoxrin, li kien żmien ta' bidla, kien għad kellna mijiet ta' siġġijiet tas-sogħda, sakemm spiċċaw għal kollox mill-knejjes.

Is-siġġijiet l-antiki fid-djar komuni, tista' tgħid kollha kienu tas-sogħda għax tas-sinjuri biss kellhom kisi bit-tapizzerija. Aktar antikament lanqas siġġijiet ma kellhom fid-djar, imma kienu jaħdmu l-banketti ta' l-injam ta' diversi daqsijiet u għamliet; anzi l-aktar il-foqra, u l-aktar antiki kienu joqogħdu fl-art u ma kellhom xejn ħlief xi ġebla għal min ma jiflaħx jerġa' jqum.

Is-sogħda hija ħaxixa bil-weraq tawwalin, irqaq u b'saħħithom. Fl-Ewropa kienu jobormu dawn il-weraq biex jiffurmaw bħal rumnell jew ħabel irqiq biex jinsġu bihom il-qiegħan tas-siġġijiet u l-Maltin tgħallmu jimlew is-siġġijiet bħalhom. Għalkemm għandna diversi speċi ta' sogħda jikbru f'Malta u Għawdex, m'hawnx kwantitajiet u kwalitajiet tajbin biżżejjed, għalhekk is-sogħda kienet tiġi minn Sqallija u timbiegħ bl-użin, bil-qantar. Kien hawn bosta nies jaħdmu billi jimlew is-siġġijiet, kif konna ngħidulhom. Kien hemm mastrudaxxi li jaħdmu biss siġġijiet u jimlewhom għandhom stess jew jgħadduhom lil min jispeċjalizza f'dak ix-xogħol. Triq San Kristofru, il-Belt, kienet magħrufa bħala t-Triq tas-Siġġijiet, għax kien hemm min

jaħdimhom, u jsewwihom, u billi bosta mix-xogħol kien isir barra t-triq, kienu aktar jolqtu l-għajn.

Meta fid-djar bdew deħlin is-siġġijiet u l-għamara tradizzjonali, is-siġġijiet kellhom il-maqgħad mimli bis-sogħda, u s-siġġijiet tal-knejjes kienu jinħadmu hekk ukoll. Fid-djar ta' ftit qabel u fil-bidu tas-seklu għoxrin daħlu wkoll siġġijiet li kellhom is-sogħda tagħhom b'xi kuluri, u minsuġin b'mod li jiffurmaw disinn. Tal-knejjes ma kellhom l-ebda disinji imma xorta waħda kienu puliti.

F'dawn l-istess żminijiet is-siġġijiet fid-djar bdew jieħdu xejra oħra, billi l-maqgħad kien isir ta' l-injam iddisinjat imma tal-knejjes baqgħu jsiru tas-sogħda u ta' sikwit kellhom jissewwew għax is-sogħda kienet tibda tinħall jew tinqata'. Dawn is-siġġijiet kienu joħolqu ħafna ħsejjes fil-knejjes, il-ħin kollu jiżżerżqu ma' l-art u jistabtu, l-aktar meta n-nies iqumu u joqogħdu. Biex jonqsu dawn il-ħsejjes, u biex ma joborxux l-art, is-siġġijiet tal-knisja kienu jsammrulhom biċċtejn ġilda salib mat-tarf ta' kull sieq. Din il-ġilda kienet ta' sikwit tinqala' jew titqatta', għalhekk kultant żmien kienu jinġabru s-siġġijiet f'xi rokna tal-knisja, ineħħulhom il-ġilda l-ħażina, iġibu biċċiet tal-ġilda maqtugħin lesti u jsammruhom salib bit-taċċi mat-truf tas-saqajn.

F'ħafna knejjes, is-siġġijiet kienu jkunu proprjeta tas-sagristan, għalhekk fil-knejjes kienu jsiru żewġ ġabriet, waħda mis-sagristan li kien idur bil-kopp (u wkoll jagħti sitt ħabbiet bqija lil min itih sold!) biex ikollu fondi għall manteniment tagħhom, u ġabra oħra minn membru tal-kleru għall-knisja; dan kien idur bis-satla u ma jagħtix bqija.

Ġie li s-sagristan kien jikri għadd ta' siġġijiet lill-familji meta jkollhom tieġ. Dari t-tiġijiet niftakruhom isiru fid-dar ta' l-għarusa minflok f'sala u kienet drawwa li, filwaqt li l-għarajjes ikollhom siġġijiet speċjali, il-kamra kienet tkun imdawra bis-siġġijiet, kif ukoll kmamar oħrajn imma, billi fid-dar ma kienx ikun hemm siġġijiet biżżejjed, kienu jinkrew oħrajn mill-knisja.

F'xi knejjes, is-sagristan kien ikun aktar imħabbat bis-siġġijiet fi żmien ir-randan. Fir-randan ikun hemm ħafna eżerċizzi, u billi kienu jmorru bosta nies bi ħġarhom, is-sagristan ta' dawn il-knejjes kien ineħħi s-siġġijiet kollha u jrekkinhom stivati fuq xulxin kif tidħol wara l-bieb tal-knisja. Min jidħol għall-eżerċizzi kien

ikollu jagħti xi ħaġa lis-sagristan biex ikollu siġġu, u did-darba mingħajr bqija! Jekk ma tħallasx tibqa' bilwieqfa. Malli jispiċċaw l-eżerċizzi ta' kmieni, kien jerġa' jiġbor is-siġġijiet kollha, bil-għajnuna ta' ħaddieħor, biex malajr ikunu lesti għall-eżerċizzi ta' wara, u dakinhar kien idaħħal aktar soldi mis-soltu.

Sakemm kien għad hemm is-siġġijiet fil-knejjes, kien hemm diversi modi kif in-nies jużawhom. Suppost li ssib siġġu u toqgħod fuqu, imma ħafna kienu dawk li jużaw żewġ siġġijiet; wieħed biex ipoġġu fuqu, l-ieħor biex jistrieħu miegħu fuq quddiem, li fuqu n-nisa kienu jpoġġu l-basket li dejjem iġorru magħhom. Xi mara ħoxna ħafna kienet tieħu żewġ siġġijiet fuq wara biex tpoġġi, u tnejn quddiem biex isserraħ idejha! Meta fil-knejjes ma kienx hemm dawl biżżejjed, jew għax ikun għadu ma sebaħx u t-twieqi jkunu għadhom mhux qed idawlu jew għax il-knisja tkun mudlama minnha stess, kien hemm min jieħu biċċa xemgħa qasira miegħu fil-knisja, jixgħelha, qattar ftit mix-xemgħa fuq dahar is-siġġu u jwaħħalha hemm biex ikun jista' jaqra t-talb minn fuq il-ktieb. Dawn l-individwi kienu ftit, għax mhux kulħadd kien jaf jaqra; anzi kienet issir ir-reċta tar-Rużarju filwaqt li ċ-ċelebrant ikun qed iqaddes u jaqra bil-Latin.

Is-siġġijiet tal-knisja kollha kienu jagħmlulhom biċċa njama djagonali li tinżel mal-ġnub minn wara tal-maqgħad s'isfel tas-saqajn ta' quddiem; dan għaliex minflok jinżlu għarkobbtejhom waqt l-elevazzjoni, bosta anzjani u oħrajn għażżenin, kienu jxenglu s-siġġu ta' taħthom 'il quddiem biex jistrieħ fuq is-saqajn ta' quddiem, u f'dik il-qagħda, il-piż iżegleg il-minċotti tas-siġġu. Meta kien ikun hemm funzjoni fil-knisja li kienet tiġbed in-nies (bħal dik ta' nhar il-Ġimgħa l-Kbira wara nofsinhar), xi ommijiet kienu jibagħtu lit-tifla jew lit-tifel ipoġġi fuq siġġu biex b'hekk jirriżervaw post. Oħrajn kienu bħallikieku jagħmluhom tagħhom is-siġġijiet, u jorbtu tnejn flimkien biex ikunu riżervati. Mgħandniex xi ngħidu, aġir bħal dan kien jaqla' l-inkwiet. Imma biċċa nkwiet oħra kienet li fil-maqgħad tas-sogħda (li xi drabi kienu jsejħulu kannape') kienu jbejtu l-baqq, u meta dawn iħossu s-sħana joħorġu jfittxu d-demm tad-devoti! Meta jmorru lura d-dar bosta nies kienu jieħdu l-baqqa magħhom bla ħsieb, waqt li oħrajn jifirxuhom mid-dar għall-knisja; b'hekk is-sogħda tas-siġġijiet kienet bejta għammiela!

---

# IL-KEBBIES TAL-FANALI F'WIED IL-GHAJN

**George Cilia**

Fis-snin tletin, aħna konna familja minn dawk villeġġanti f'Wied il-Għajn. Kellna b'kera daqsxejn ta' terran fix-Xatt quddiem il-pont fejn inqattgħu ix-xhur tas-sajf. Hekk kif kienu jibdew il-vakanzi ta' l-iskejjel, tal-karrozzin kien jiġi għalina bħas-soltu fil-pjazza tal-Birgu u jwassalna sa Wied il-Għajn. Magħna konna nieħdu l-affarijiet l-aktar meħtieġa għall-ħajja ta' kuljum.

**Wied il-Għajn fis-sajf** Dak iż-żmien hemm kien għadu ma wasalx id-dawl elettriku u konna nużaw il-lampi tal-pitrolju jew tal-*mantle* għad-dawl fid-dar u fit-triq. Għall-ilma l-istess; konna nimlew il-bramel minn fuq l-għajn ta' ħdejn il-pont. Ħwienet ftit li xejn kien hemm u ma kontx issib kulma trid, imma kienu jiġu dawk tal-karrettuni bil-ħaxix, frott, pitrolju, silġ u ħobż, kollha bil-għajta tagħhom biex javżaw li waslu u n-nies joħorġu jixtru. Wara nofsinhar kien jasal tal-ġelati jew tal-granita bil-bziezen armati fuq karrettun miġbud minn ħmar.

Fil-festa ta' Sant' Anna kien jasal tal-kaxxa tad-daqq jew terramaġika, mżejna bil-figurini u bnadar iddoqq mużika popolari u taż-żfin,. miġbuda wkoll minn ħmar, filwaqt li t-tfal jinġabru mgħaġġba madwaru. Is-sidien tad-dgħajjes kienu jixegħlu blalen tal-karti bix-xemgħa fihom biex iżejnu 'l bajja bid-dwal iteptpu, u kulħadd igawdi l-baħar, il-frott abbundanti bħal bajtar tax-xewk, bettieħ u dulliegħ. B'xi dulliegħa żgħira konna nagħmlu fanal bix-xemgħa fih, u bis-salib ta' San Ġwann maqtugħ disinn fil-ġenb.

**Il-fanali tat-toroq u tan-niċeċ.** Id-dawl mhux biss isebbaħ imma wkoll hemm bżonnu fid-dalma, għalhekk kien hemm l-obbligu sa minn żmien il-Kavallieri li jinxtegħlu l-fanali fit-toroq. Fis-snin tletin, il-gvern kien iħallas lin-nies biex jixegħluhom filgħaxija u jitfuhom filgħodu. F'Wied il-Għajn konna naraw lil dawn l-irġiel għaddejjin jgħaġġlu bis-sellum fuq spallithom biex ilaħħqu max-xogħol.

Grezzju kien wieħed minn dawn. Meta jsirlu l-ħin kien joħroġ bis-sellum, biċċa ċarruta ratba biex inaddaf it-tubu tal-ħġieġ u landa pitrolju. Sajf u xitwa, bnazzi jew maltemp sħana jew bard, filgħodu kien jerġa' jgħaddi biex jitfihom. Grezzju kien drana lilna għax eżattament quddiemna kien hemm il-fanal ta' fuq il-pont. Kien ġuvni jgħix waħdu fit-triq li tagħti għal Ħaż-Żabbar ftit 'il fuq min-niċċa tal-Kurċifiss li tagħha wkioll kien jieħu ħsieb il-fanal. Spiss kien jieqaf ikellimna u tista' tgħid li sirna ħbieb. Kien bniedem risponsabbli, sa dawra anki bil-lejl kien jagħmel biex jara li l-fanali kollha baqgħu mixgħulin. Il-pulizija tar-ronda, jekk jaraw xi fanal mitfi kienu jagħmlulu rapport.

**Il-kebbies tal-fanali fil-Milied.** Fiż-żmien tal-Milied Grezzju kien jaqla' xi sold iżjed għax is-sinjuri kienu jqabbduh jixgħel il-fanali tan-niċeċ tagħhom mill-bidu tan-novena tal-Milied sa l-Epifanija. Qabel ma nxtered id-dawl elettriku ma' kullimkien, għall-festi il-mixegħla kienet tkun bit-tazzi taż-żejt mal-faċċata tal-knisja, piramidi fit-toroq u pavaljuni. Il-kappillan kien iqabbad lil Grezzju jieħu ħsieb dawn ukoll, kemm fil-festa titulari u oħrajn primarji, kif ukoll fil-Milied u fil-Għid il-Kbir. Każini u għaqdiet kienu jordnaw fjakkolata, jiġifieri mixegħla bil-fjakkoli fuq il-bjut jew bħal ta' postijiet oħrajn, fuq is-swar. Lil Grezzju ta' Wied il-Għajn kienu jafdawh kullimkien. Sakemm wasal id-dawl elettriku f'Wied il-Għajn fl-1950, il-kebbiesa kienu għadhom attivi.

Issa dan il-post sar turistiku, mimli lukandi, restoranti u vilel, bankijiet, brazzi artistiċi bid-dawl elettriku, post miżgħud bin-nies. Spiċċa l-ambjent kwiet tal-fanali tal-pitrolju, l-għajn ta' l-ilma, dawk tat-terramaġika, tal-ġelat u tal-bexxiexa. Kieku Grezzju tal-Fanali għadu magħna llum kien żgur jitpaxxa fil-festi u fil-Milied jara dak id-dawl kollu li b'għafsa ta' buttuna waħda Wied il-Għajn jinbidel f'ħuġġieġa waħdaFlus

---

# LAQMIJIET MILL-BIRGU

**Miġburin minn Anton Attard, Paul u Agnes Bezzina, Lorenzo Zahra**

*Nota Editorjali: Is-Sur Anton Attard, is-Sur Paul Bezzina u s-Sinjura tiegħu Agnes, u s-Sur Lorenzo Zahra separatament għamlu ġabra ta' laqmijiet mill-Birgu kif jafuhom u jiftakruhom huma. Dawn il-listi ma kinux influwenzati minn xulxin għax ġew minn tliet sorsi li ħadmu individwalment. L-editur għaqqad it-tliet listi li b'hekk tkun biċċa xogħol aktar awtorevoli u interessanti.*

Anton Attard qassam il-lista tiegħu (Ottubru 1999) fi tlieta, hawn mogħtijin simbolu ta' referenza: A1:- kunjomijiet mhux komuni ta' familji li minflok laqam jirreferu għalihom b'kunjomhom bil-kelma "Ta'" quddiem; A2:- laqmijiet mogħtijin lil individwi personali; A3:- laqmijiet ta' razza jew familja bil-membri tagħha kollha, u uħud minn dawn il-laqmijiet oriġinaw minn laqmijiet individwali. B :- Laqmijiet miġburin minn Paul & Agnes Bezzina (Frar 1998); Z :- Laqmijiet miġburin minn Lorenzo Zahra (Jannar 1998).

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Ta' l-Abatija | A2, Z | Tal-Begiga | Z | Il-Barunell | A2, Z |
| Ta' l-Aħmar | Z | Baħri | Z | Il-Basla | Z |
| Alves | A2 | Tal-Bajjad | A3, Z. | Ta' Bawetta | Z |
| T'Amajra | Z | Tal-Bajżu | A3, Z | Bażari | A2, Z |
| Ta' Anċilleri | A1 | Bakkaljawa | Z | Ta' Bażeż | A3, Z |
| Ta' l-Ankri | Z | Ta' Balla | Z | Il-Bażiż | Z |
| Antonjoni | A2 | Il-Ballarin | Z | Tal-Bażokk | A3 |
| L-Arċipriet | A2 | Ballijiet | Z | Ta' Bażoqq | Z |
| Ta' l-Arċipriet | A3 | Tal-Ballun | Z | Il-Bażuż | A2, Z |
| Ta' l-Arloġġ | A3, Z | Il-Balomba | A2 | Il-Bebbes | A2, Z |
| Ta' Amadew | Z | Il-Bambina | Z | Il-Beċċun | Z |
| Assweru | Z | Il-Banana | A2 | Ta' Beċċuna | Z |
| Awrażja | Z | Bandiera | Z | Il-Beġiġ | A2 |
